**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 7 ta' Mejju 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 88**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 88 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fit-3:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
88.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
88.5 Rapporti;
88.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
88.7 Aġġornament dwar it-tisbiħ tal-latrini pubbliċi li jinsabu fil-pjazza tal-Qrendi;
88.8 Aġġornament dwar ix-xogħol minn Infrastruttura Malta fi Triq it-Tempesta;
88.9 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;
88.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
88.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-88 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fit-3:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

88.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA**

88.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

88.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

88.2.1 Il-Minuti tas-87 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

88.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 88.3, 88.4 u 88.5 jiġu diskussi wara Minuta 88.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

88.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

88.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' xahar ilu.

88.6.2 Qal li nkitbet ittra uffiċjali, u issa konna infurmati li jridu d-dawl sabiex ikunu jistgħu jaħdmu.

88.6.3 Applikajna għall-provvista tad-dawl temporanju u issa jidher li sal-ġimgħa d-dieħla ser ikollna d-dawl fiż-żona sabiex ikunu jistgħu jkomplu jaħdmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

88.6.4 Is-Sindku qal li jalla x-xahar id-dieħel inkunu nistgħu nitkellmu differenti imma s'issa mhemm xejn x'wieħed jirrapporta.

## 88.7 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIH TAL-LATRINI PUBBLIĊI LI JINSABU FIL-PJAZZA TAL-QRENDI

88.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-latrina tal-irġiel tlesta u wara li din ser titnaddaf ser tinfetaħ għall-pubbliku.

88.7.2 Qal li din il-latrina ser tinfetaħ għada filgħodu u fl-istess ġurnata ser tingħalaq tan-nisa sabiex jibda x-xogħol fuqha.

88.7.3 Spjega kif it-toilet li hemm fil-latrina tal-irġiel ser jintuża' min-nisa sakemm jitlesta x-xogħol fil-latrina l-oħra.

88.7.4 Fisser kif qiegħed jittama li sa nofs Ġunju l-latrini jkunu lesti minn kollox u nkunu nistgħu ninawgurahom flimkien mal-President tar-Reġjun tan-Nofsinhar.

## 88.8 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA FI TRIQ IT-TEMPESTA

88.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'din it-triq ix-xogħol miexi ġmielu imma hemm ukoll numri t'intoppi u lmenti.

88.8.2 Qal li mill-informazzjoni li taslilna, mhux dejjem qed inkunu infurmati b'dak li ser ikun qiegħed iseħħ minn Infrastruttura Malta, imma dejjem qed nippruvaw nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex ngħinu.

88.8.3 Spjega kif mill-aħħar informazzjoni li għandna jidher li s-service roads ser jagħlquhom u d-dħul u l-ħruġ ser ikunu biss minn partijiet uniċi u mhux kif qegħdin illum, minn diversi partijiet tal-by-pass.

88.8.4 Qal li l-ħruġ tal-garaxxijiet li ser jinfetħu jew jingħalqu fis-service roads qas biss konna nafu bihom, imma skont Infrastruttura Malta dawn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qegħdin skemati u allura x-xogħol irid isir.

88.8.5 Fisser kif avolja forsi l-Kunsill Lokali ma jaqbilx ma' kull hruġ tal-garaxxijiet li ser tinfetaħ jew tingħalaq, ma nistgħux nindaħlu fuq Infrastruttura Malta għaliex inkella nkunu qegħdin nieħdu r-riskju fuqna.

88.8.6 Qal li s-service road li hemm fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq San Ġwakkin ser tkun l-uniku waħda li mhijiex ser tinfetaħ, u ser tinfetaħ iż-żona ta' fejn il-Kunsill Lokali għandu l-arblu u kien għamel afforestazzjoni żgħira fix-xhur li għaddew.

88.8.7 Spjega wkoll dwar il-fire hydrant li ser isir fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq il-Warda.

88.8.8 Qal li r-residenti u l-parkeġġ tagħhom mhux ser ikun affettwat, għaliex kif saret il-lay-by, saret bil-ħsieb li jekk tieqaf il-fire engine sabiex timla' l-ilma, din ser tħalli l-by-pass liberu għall-karozzi u mhux ser taffettaw lis-service road.

88.8.9 Is-Sindku qal li waħda mil-lapidi li kien hemm fi Triq it-Tempesta ċċaqalqet ftit u ġiet eqreb tal-lapida l-oħra, u dan minħabba li ġiet irranġata s-service road.

88.8.10 Qal ukoll li llum saret laqgħa mal-Perit Graziella Galea u l-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta, filwaqt li bħala Kunsill Lokali konna preżenti wkoll flimkien mal-Perit Anthony Bezzina.

88.8.11 Fisser kif qegħdin nittamaw li din iż-żona ta' fuq Misraħ il-Maqluba tiġi rranġatha wkoll u tkellimna anke mar-residenti li joqgħodu f'din iż-żona li aċċettaw li jsir dan il-proġett jekk kemm-il darba jinħarġu l-permessi.

## 88.9 <u>HATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV</u>

88.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ser jingħaqad fis-Sagrament taż-Żwieġ f'Awwissu li ġej.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

88.9.2 Qal li jista' jagħti l-każ li waqt li s-Segretarju Eżekuttiv ikun fil-qamar il-għasel tiegħu, għandu mnejn il-Kunsill Lokali jkollu bżonn is-servizzi tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

88.9.3 Spjega kif tkellimna ma' xi Segretarji Eżekuttivi li lesti jidħlu għal dan l-irwol u ser ikollna deċiżjoni finali matul din il-ġimgħa.

88.9.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

## 88.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

88.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2019 ser issir it-tnedija tal-ktieb "Int Minn ta' Min Int?"

88.3.1.1 Qal li t-tnedija ser issir fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, u għaliha ser ikun hemm mistiedna l-Professur George Cassar, u l-editur u Assistent Kap Sergio Grech.

88.3.1.2 Fisser kif huwa mistenni li jkun hemm preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli, filwaqt li l-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo mhux ser ikun jista' jattendi minħabba impenji oħra.

88.3.1.3 Is-Sindku qal li kulħadd huwa mistieden għal din it-tnedija li ser tibda fl-10:30am.

88.3.2 Is-Sindku tkellem dwar permess li ngħata lil kiosk f'Wied iż-Żurrieq.

88.3.2.1 Qal li l-Kunsill Lokali ma kien mgħarraf b'xejn mid-Dipartiment tal-Artijiet, tant li sirna nafu mingħand xi sidien tar-ristoranti li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

88.3.3 Is-Sindku tkellem dwar bankina li saret f'Wied iż-Żurrieq mill-Malta Foundation for Tourism Zones.

88.3.3.1 Qal li ġejna akkużati f'okkażjonijiet differenti fuq il-midja minħabba din il-bankina u saħansitra rċevejna ittra, biss il-Kunsill Lokali bagħat

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ittra bl-avukat lil dawn il-persuni sabiex l-allegazzjonijiet jieqfu.

88.3.4 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li sar jaf biha llum għal Wied iż-Żurrieq imma sostna li s'issa m'għandu l-ebda dettalji oħra.

88.3.5 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li għaddej fil-preżent fi Triq il-Kabiri.

88.3.5.1 Qal li sfortunatament waqa' ħajt tas-sejjieħ f'ġurnata fejn ma kienx qiegħed isir xogħol, imma dan ser jiġi rranġat mill-kuntrattur.

88.3.6 Is-Sindku tkellem dwar xogħolijiet ta' tisbiħ li qegħdin isiru fuq żewġ pilastri madwar il-Qrendi.

88.3.6.1 Qal li x-xogħol fuq żewġ pilastri partikolari fi Triq Ħaġar Qim beda llum u wara li jitlesta' x-xogħol fi Triq il-Kabiri nkunu qegħdin nieħdu ħsieb iż-żewġ pilastri li jinsabu f'din it-triq.

88.3.7 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol fuq il-junction ta' Wied iż-Żurrieq u tlestew il-pjanti u ddaħħlet l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

88.3.7.1 Qal li din il-junction ser isservi wkoll bħala immanniġjar tat-traffiku, b'mod speċjali min ikun ġej u sejjer minn Wied iż-Żurrieq għal Ħaġar Qim, kif ukoll hemm fil-ħsieb dawk li jgħaddu jimxu minn din it-triq.

88.3.8 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mas-Sur Carmel Farrugia dwar Triq Filippu Zammit kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

88.3.8.1 Qal li s-Sur Farrugia qiegħed jallega li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart goff daħal fil-bidu ta' din it-trejqa u għamel xi ħsara minħabba li sfrondat it-triq.

88.3.8.2 Żied li s-Sur Farrugia qiegħed jipproponi li din it-trejqa tingħalaq permezz ta' bollard minn naħa u minn oħra u ma tibqax aċċessibbli kif inhi llum.

88.3.8.3 Spjega kif hu diġa' mar fuq is-sit u prattikament huwa impossibbli li jsir xi tip ta' patching kif mitlub, għaliex kulma ġara kien li hemm xi xquq żgħar ħafna fil-wiċċ tat-triq li kienet saret mis-Sur Farrugia

nnifsu waqt il-kostruzzjoni tal-binja.

88.3.9 Is-Sindku tkellem dwar żvilupp li qiegħed isir fi Triq Bali Guarena kantuniera ma' Triq Ħaġar Qim.

88.3.9.1 Qal li jidher ċar li kulma fadal minn dan il-bini hija l-faċċata li prattikament qegħda tperper waħedha u jekk mhux ser issir xi ħaġa urġenti ser nistennew li jinżel kollox malli jagħmel ħafna riħ.

88.3.10 Is-Sindku tkellem dwar ilmenti li qiegħed jirċievi sabiex fi Triq San Mattew u Triq Ħaġar Qim isiru l-isleeping policemen għaliex qegħdin jittajru ħafna qtates.

88.3.10.1 Ippropona li f'dan il-każ ikun aħjar li nitkellmu ma' Transport Malta u naraw x'direzzjoni jagħtuna.

88.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-pompa tal-ilma tal-Ġnien tal-Warda u qal li l-ħaddiema ser iġibu l-pompa l-ġdida matul din il-ġimgħa u allura tkun tista' tibda titħaddem sa tmiem din l-istess ġimgħa.

## 88.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

88.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa dwar l-iskart ta' Triq is-Siġġiewi, għaliex qal li għal darb'oħra dan ma nġabarx.

88.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali joħroġ l-ewwel default notice lill-kumpanija WM Environmental Limited għaliex din qegħda tonqos milli tipprovdi s-servizz mixtieq lill-istess Kunsill.

88.4.2 Il-Kunsilleri Daniel Farrugia staqsa jekk jistax jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm fi Triq il-Panorama u Triq Ħaġar Qim għaliex diġa' beda jinxef u qegħdin nissugraw li jkun hemm min iqabbad dan il-ħaxix u n-nar jinfirex.

88.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dan il-ħaxix ser ikun qiegħed jinqata' fil-jiem li ġejjin sabiex jitneħħa kull periklu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

88.5 **RAPPORTI**

88.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport xi jsir mill-Kunsillieri preżenti.

88.10 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

88.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €16,709.88 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/19 u €93.78 skont il-*Petty Cash* Ref W/04.

88.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

88.10.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

88.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

88.11 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

88.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Ġunju 2019 fit-3:30pm.

88.11.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar id-data u l-ħin tal-laqgħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

____________________ ____________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**